MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## DENNIS MONTEBELLO

Seduta tat-12 ta' Jannar, 2005

Avviz Numru. 499/1999/1

Avviz Nru  499/99DM

Emanuel Galea

vs

Joseph Attard

Il-Qorti,

Rat l-avviz permezz ta’ liema l-attur talab il-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta’ tlett mija, erbgha u ghoxrin lira Maltin (Lm324) lilu dovuta ghall-materjal u xoghol ta’ injam mahdum fuq inkarigu tal-konvenut, u li l-konvenut naqas li jhallas.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali tad-9 ta’ April, 1997, u tat-30 ta’ Marzu, 1999, u bl-imghaxijiet mid-9 ta’ April. 1997 kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn eccepixxa illi:

1. L-ammont mitlub mhux dovut fit-termini ta' l-iskrittura privata ta' l-4 ta' Awissu, 1995 kif ser jigi ppruvat fil-kors tal-kawza.
2. Fi kwalunkwe kaz, ix-xoghol li sar mill-attur kien difettuz u kkawza danni lill-eccipjent kif ser jigi ppruvat fil-kors tal-kawza.
3. Fil-meritu l-ammont mitlub huwa esagerat u dan kif jirrizulta minn korrispondenza ta' l-istess attur.
4. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-digriet tal-14 ta' Gunju, 2000, fejn gie nominat Paul Tabone bhala espert tekniku;

Rat id-digriet tal-24 ta' Mejju, 2002, fejn giet nominata Kathleen Zarb Adami bhala perit legali biex tassisti lill-perit tekniku;

Rat ir-relazzjoni tal-periti pprezentata fil-11 ta' Gunju, 2004;

Rat in-nota tal-osservazzjonijiet tal-konvenut ipprezentata fl-10 ta' Novembru 2004 u n-nota responsiva tal-attur pprezentata fit-22 ta' Novembru 2004;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha tal-process; u

Ikkunsidrat:-

Kif sewwa kkonkludiet il-perit legali, mill-provi prodotti mill-attur, kif ukoll dawk opposti mill-konvenut, huma affetti minn zbalji manifesti kemm fejn jirrigwardaw l-imposizzjoni ta' xi terminu ghall-esekuzzjoni ta' l-appalt, kif ukoll fejn

jirrigwarda x-xoghol pattwit u kkonsenjat u l-prezzijiet relattivi.

Kemm fl-iskrittura ta' l-4 ta' Awissu, 1995, li l-kontendenti jsostnu li ghandha tirregola r-relazzjoni ta' bejniethom, kif ukoll mid-dokumenti l-ohra minnhom esebiti tirrenja konfuzjoni shiha li tippreklundi l-Qorti, kif ukoll prekludiet il-periti, milli tista' tistabbilixxi l-prezz miftiehem ghax-xoghol u x'bilanc seta' ghadu dovut mill-konvenut.

Lanqas ma jirrizulta b'mod car jekk effettivament l-ghamara u x-xogholijiet l-ohra ta' l-injam illi kellu jahdem il-konvenut humiex fil-fatt kollha kkonsenjati lill-konvenut.

Il-Qorti tista' tistabbilixxi biss mill-provi prodotti illi l-attur effettivament hadem u kkonsenja xi ghamara u xoghol iehor ta' l-injam lill-konvenut li minn naha tieghu ghadu ma hallasx il-valur totali minhabba allegazzjoni ta' difetti.

Mir-relazzjoni teknika jirrizulta li x-xoghol mahdum mill-attur ghandu jitqies li gie mahdum skond l-arti u s-sengha billi n-nuqqasijiet minimi fit-twaletti m'ghandhomx jigu kkunsidrati bhala xi difett li jista' jawtorizza l-konvenut illi ma jhallasx il-bilanc kollu dovut lill-attur.

Ghalhekk il-Qorti trid tistabbilixxi biss x'bilanc jista' jkun ghadu dovut mill-konvenut lill-attur.

Stante l-konfuzjoni fil-provi li ma tippermettiex li jista' jsir xi kalkolu preciz ta' l-istess bilanc, u billi l-attur stess almenu fil-14 ta' Frar, 1996, kien iddikjara li l-bilanc dovut lilu kien ta' mija u sebghin lira Maltin (Lm170) (ara dokument JA2 a fol. 60 tal-process) u wara din id-data ma kien ghamel ebda xoghol iehor, il-Qorti ghalhekk qieghda 'arbitrio boni viri' tistabbilixxi s-somma ta' mija u sebghin lira Maltin (Lm170) bhala l-bilanc dovut lill-attur ghas-saldu tal-pretensjonijiet reciproci tal-kontendenti dwar din il-vertenza .

Konsegwentement qieghda tilqa' it-talba attrici limitatament ghas-somma ta' mija u sebghin lira Maltin

(Lm170) u tikkundanna lill-konvenut sabiex ghar-ragunijiet indikati fl-avviz ihallas din is-somma lill-attur, bl-imghax legali mid-9 ta' April, 1997.

Bl-ispejjez jithallsu bin-nofs bejn il-kontendenti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------